# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Trevor Buttigieg

Illum 2 ta' Dicembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Trevor Buttigieg bin Francis u Jessica nee Scorey imwieled fil-30/07/1958 u joqghod 58, Caravaggio Court, T4B 1, Il-Ponta ta` Tigne, Sliema. ID 0535558M.

Billi int akkuzat talli fil-21 ta' Ottubru, 2021 ghall-habta ta' 19:50 hrs Fi Triq ix-Xatt, Sliema, soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni TRV555.

1. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkagunajt hruq, jew ghamilt hsara jew hassart jew gharraqt xi haga , minhabba f`hekk Kurt Psaila baghta offiza gravi fuq il-persuna, li tkun gabet konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. Danielle Lauretta Agius MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328( b) Kap 9 u-L.S. 65.18 Art 36B  fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 1390 Antoine Muscat u Dr Danielle Lauretta Agius** xehdu permezz ta' affidavit

**Kurt Psaila** xehed dwar id-dinamika tal-incident u ikkonferma li Dok A u Dok B juru l-lokalita' tal-incident. Ikkonferma li ma qasamx minn fuq iz-zebra crossing .

**Byron Dalli** xehed kif kien ma Kurt Psaila u qasmu minn hdejn ic-Checkers ghas- central  strip . Ra vettura fil-vicinanzi u ghazel li ma jaqsamx ghax ma kienx ser jasal izda Kurt Psaila qasam.

**Trevor Buttigieg** xehed li hu kien qed isuq fuq il-lane ta mas-Central strip meta ghadda hdejn xi bushes u hass daqqa mal-genb tal-vettura tieghu.  Ghamel riferenza ghal Dok TB u TB1 bhala l-lokalita tal-incident .

**Ikkunsidrat**

L-midrub halaq emergenza subitanja lis-sewwieq meta qasam minn fejn il-"bushes" minflok ma uza l-pelican lights li kienu fil-vicinanzi ta' fejn sehh l-incident. Go Triq ix-Xatt Sliema li hi truq traffikuza immens trid tuza l-pelican lights/zebra crossings biex taqsam. Specjalment ma taqsamx minn hdejn "bush" li per necessita tostakola il-viswali. Isegwi li l-imputat mhux hati tal-akkuza fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 328( b) Kap 9 u-L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

ma ssibx lil Trevor Buttigieg hati tal-imputazzjonjiet fil-konfront tieghhu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**